



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-30 ta' Ġunju 2022

L-awdituri tal-UE jaraw riskji potenzjali fl-użu ta' konsulenti esterni min-naħa tal-Kummissjoni

Skont rapport li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-mod li bih il-Kummissjoni Ewropea tingaġġa u tagħmel użu minn konsulenti esterni ma jiżgurax bis-sħiħ li hija timmassimizza l-valur għall-flus jew li tissalvagwardja għalkollox l-interessi tagħha. Hemm lakuni sinifikanti fil-qafas li jirregola l-użu ta' dawn is-servizzi, b'riskji potenzjali relatati mal-konċentrazzjoni ta' fornituri tas-servizzi, dipendenza żejda u kunflitti ta' interessi potenzjali li ma jiġux immonitorjati suffiċjentement. L-awdituri jiġbdu l-attenzjoni wkoll għal dgħufijiet fil-mod kif ix-xogħol imwettaq mill-konsulenti u l-valur miżjud tiegħu jiġu vvalutati.

L-awdituri sabu li s-sistema ta' informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ma tistax tagħti stampa sħiħa ta' kif il-Kummissjoni tagħmel użu minn konsulenti esterni. Li huwa ċert hu li l-Kummissjoni għamlet użu dejjem akbar ta' konsulenti esterni biex iwettqu diversi servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ. Fi snin reċenti, hija kkuntrattat madwar EUR 1 000 000 000 kull sena fuq firxa wiesgħa ta' servizzi bħal dawn li jkopru xogħol ta' konsulenza, studji, evalwazzjonijiet u attivitajiet ta' riċerka. Il-fornituri esterni huma prinċipalment involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-veċinat u tat-tkabbir tal-UE, tas-sħubijiet internazzjonali, tal-istrumenti tal-politika barranija, u tal-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE. L-awdituri vverifikaw jekk il-Kummissjoni Ewropea kienx irnexxielha tikseb valur għall-flus u tissalvagwardja l-interessi tagħha.

"L-esternalizzazzjoni ta' xi kompiti tista' tkun utli u xi kultant neċessarja", qal François-Roger Cazala, il-Membru tal-QEA responsabbli mill-awditu. "Iżda jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tkun ċerta li timmassimizza l-valur miksub għall-ammont ta' flus li hija tiżborża. Jinħtieġu aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont dwar il-kompiti li jistgħu jiġu esternalizzati u dwar il-mod li bih jiġu mmaniġġjati r-riskji ta' konċentrazzjoni tal-fornituri, id-dipendenza żejda u l-kunflitti ta' interessi. Nittama li r-rapport tagħna se jgħin lill-amministrazzjoni tal-UE biex timxi f'dik id-direzzjoni."

L-awdituri sabu lakuni fil-qafas li jirregola l-ingaġġ tal-konsulenti esterni. B'mod partikolari, għas-servizzi ta' konsulenza u ta' riċerka – li jirrappreżentaw kważi 80 % tal-ammont ikkuntrattat lil konsulenti esterni – m'hemm l-ebda gwida dwar il-punt sa fejn jistgħu jiġu esternalizzati l-kompiti, kif jiġu ddefiniti s-servizzi tal-konsulenti esterni, u liema kapaċitajiet jenħtieġ li jinżammu

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

internament. Barra minn hekk, għal xi servizzi ta' konsulenza akkwistati biex jitwettqu kompiti rikorrenti, il-Kummissjoni ma twettaqx analiżijiet tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji u analiżijiet tal-ħtiġijiet, biex tqis il-merti relattivi għad-dipendenza fuq fornituri esterni minflok il-persunal intern qabel ma tniedi talbiet ġodda għall-akkwist.

Għalkemm il-kriterji użati biex jintgħażlu offerti rebbieħa kienu xierqa, il-Kummissjoni ma mmonitorjatx u ma mmaniġġjatx b'mod suffiċjenti riskji importanti assoċjati mal-użu tagħha ta' konsulenti esterni. Dawn jinkludu r-riskji ta' konċentrazzjoni tal-fornituri u d-dipendenza żejda fuq għadd relattivament żgħir ta' fornituri ta' servizzi. Matul il-perjodu analizzat, il-Kummissjoni Ewropea kkuntrattat ma' 2769 konsulent estern. Iżda l-aqwa 10 fornituri waħedhom kienu jirrappreżentaw 22 % (madwar EUR 600 miljun) tal-ammonti totali kkuntrattati matul il-perjodu awditjat. Fi kliem ieħor, xi dipartimenti tal-Kummissjoni jiddependu esklużivament fuq għadd relattivament żgħir ta' kuntratturi. Mhuwix rari li fornitur uniku jirbaħ kuntratti suċċessivi fuq bosta snin anke jekk il-proċeduri ta' sejħa għal offerti miftuħa jiġu organizzati b'mod regolari.

Dan ir-riskju ta' konċentrazzjoni fuq għadd żgħir ta' konsulenti esterni jgħib miegħu r-riskju li xi fornituri b'esperjenza estensiva ta' xogħol mal-Kummissjoni jkollhom aktar suċċess fir-rebħ ta' kuntratti. Bħala eżempju, l-awdituri tal-UE sabu li xi fornituri pprovdew taħlita ta' servizzi ta' konsulenza, implimentazzjoni u evalwazzjoni għal direttorat ġenerali wieħed tal-Kummissjoni, li jista' jagħtihom vantaġġ kompetittiv minħabba li huma involuti fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istess politika tal-UE. Il-Kummissjoni għandha fis-seħħ proċeduri biex tidentifika u tipprevieni kunflitti ta' interessi potenzjali. Iżda dawk huma fil-biċċa l-kbira kontrolli formali, li waħedhom ma jistgħux jiżguraw li jiġu ttrattati r-riskji ta' kunflitti ta' interess.

Meta jħarsu lejn kuntratti individwali, l-awdituri tal-UE jirrikonoxxu li l-Kummissjoni tiċċekkja li l-konsulenti jwasslu servizzi tal-kwalità rikjesta qabel tipproċedi bil-pagamenti. Iżda l-awdituri jenfasizzaw li l-Kummissjoni ma vvalutatx il-prestazzjoni tal-konsulenti esterni b'mod konsistenti, apparti mill-istudji u l-evalwazzjonijiet. L-eżerċizzji tat-tagħlimiet meħuda jew l-evalwazzjonijiet *ex post* tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji jitwettqu biss minn xi direttorati ġenerali. U meta jitwettqu, ma jsir l-ebda għbir ċentralizzat ta' informazzjoni li tkun tippermetti li jsir l-aħjar użu possibbli mir-riżultati prodotti mill-konsulenti esterni. Għall-awdituri, dan inaqqas il-kapaċità tal-Kummissjoni li tidentifika oqsma potenzjali għal titjib. Huwa jżid ukoll ir-riskju ta' ingaġġ mill-ġdid ta' konsulenti li fil-passat ma tawx prestazzjoni sodisfaċenti.

Minħabba l-firxa tal-użu li jsir minn konsulenti esterni, l-awdituri tal-UE jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex ittejjeb il-mod li bih timmaniġġja l-użu tagħhom. Barra minn hekk jappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex iżżid it-trasparenza billi tirrapporta b'mod regolari u preċiż dwar l-użu li tagħmel mis-servizzi ta' konsulenza esterna.

Informazzjoni ġenerali

L-awditu jkopri s-servizzi ta' konsulenti esterni li kienu ffinanzjati mill-baġit tal-UE u kkuntrattati mill-Kummissjoni bejn l-2017 u l-2019, u li ġew irreġistrati mill-Kummissjoni bħala konsulenza, studju, evalwazzjoni jew riċerka. Informazzjoni reċenti rilevanti dwar l-użu ta' konsulenti esterni għet meqjusa wkoll meta kien xieraq. Is-servizzi ta' konsulenza fl-IT ma ġewx koperti minn dan l-awditu.

Ir-Rapport Speċjali 17/2022, "*Konsulenti esterni fil-Kummissjoni Ewropea – Lok għal riforma*", huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547